## AWSTRIJA



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **verżjoni standard** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil għall-fjuwil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku. Il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.



# AWSTRIJA



## Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħall-**Belġju, id-Danimarka u n-Netherlands**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.
3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella fil-paġna li jmiss** biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. Fl-aħħar mill-aħħar hija d-**deċiżjoni tiegħek kif tivvota**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna diskussjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali bikrija/aktar tard tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ____, għax ________________________________________*

*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li/jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, minħabba li aħna favur _____________ .*
*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistax ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | 40 km | |
| **Belġju** | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | |
| **Estonja** | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | |
| **Franza** | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | |
| **Greċja** | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | |

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistax ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | |
| **Latvja** | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | |
| **Malta** | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | |
| **Polonja** | | | | | |
| **Portugall** | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | |
| **Spanja** | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | |
| Kummissjoni | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena …

- [x] **2030** … nimxu lejn l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE malajr kemm jista' jkun.
- [ ] 2035 … nimxu malajr iżda nagħtu ż-żmien lill-kumpaniji u l-konsumaturi biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura.
- [ ] 2040 … nagħtu biżżejjed żmien lill-konsumaturi u l-kumpaniji biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa.
- [ ] 2050 ... nagħmluha prijorità li jiġi limitat il-piż ekonomiku fuq il-konsumaturi u l-kumpaniji, li jippermettilhom iż-żmien li jeħtieġu biex jadattaw u biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa.
- [ ] Opzjoni oħra ____________________________________________
____________________________________________




### L-argumenti tiegħek

- Pajjiżek għandu rekord li jistabbilixxi għanijiet ambizzjużi fl-azzjoni klimatika u għandu l-għan li jilħaq miri daqstant ambizzjużi fil-livell tal-UE.
- Iż-żieda fl-ambizzjoni tgħin biex jitħaffu l-introduzzjoni u l-affordabbiltà ta' karozzi b'emissjonijiet żero; għalhekk, inti tappoġġa eliminazzjoni gradwali aktar bikrija sal-2030. Madankollu, tkun lest/a li tagħmel il-proposta saħansitra aktar ambizzjuża jekk l-Istati Membri l-oħra jaqblu. Tispera li l-proposta ma tiddgħajjifx.
- Huma meħtieġa investimenti kruċjali u tranżizzjoni rapida tal-industrija lejn sorsi ta' enerġija sostenibbli. Madankollu, ladarba dan jinkiseb, tistenna opportunitajiet ekonomiċi kbar għal pajjiżek, inkluż impjiegi ġodda, innovazzjoni, u investimenti barranin f'kumpaniji Ewropej.
- Miri ambizzjużi tal-UE huma essenzjali biex jinħolqu ċertezza u perspettivi fit-tul għall-gvernijiet u l-kumpaniji li qed ifittxu li jinvestu f'vetturi elettriċi. L-għan tiegħek huwa li tikkonvinċi lill-pajjiżi inqas ambizzjużi dwar il-potenzjal tat-trasformazzjoni industrijali.
- In-noti tiegħek:

____________________________________________

____________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri **jimpenjaw ruħhom li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

| **jimpenjaw ruħhom li** | jimmiraw li |
|---|---|
| ☑ | ☐ |

L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **40 kilometru** bogħod minn xulxin.



| **40 km** | 60 km | 80 km | 100 km |
|---|---|---|---|
| ☑ | ☐ | ☐ | ☐ |

### L-argumenti tiegħek

- Għandek ambizzjonijiet għoljin għal infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. Bħala pajjiż ta' tranżitu għal ħafna turisti s-sena kollha, trid tiżgura li s-sewwieqa tal-vetturi elettriċi jsibu n-network tat-toroq tal-Awstrija attraenti.
- Filwaqt li tirrikonoxxi li dan ser jirrikjedi investiment sinifikanti, temmen li l-azzjoni klimatika ma tistax tistenna. Aħjar li jsir investiment issa biex tiġi żgurata l-introduzzjoni b'suċċess tal-infrastruttura tal-vetturi elettriċi.
- Mill-esperjenza, taf li l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ser jintużaw ladarba jinbnew.
- In-noti tiegħek:

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | **Unjoni Ewropea** | **Awstrija** |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 42 650 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 107.6 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 6% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 2 208 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e$/kWh) | 210 | 85 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 33.6% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 570 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 248 740 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 6.4% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu

© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0455-2doi:10.2860/7051678QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0456-9 doi:10.2860/5011667QC-01-25-005-MT-C

**BELĠJU**



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **verżjoni standard** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

**In-negozjati qed isiru fl-2021!**

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil għall-fjuwil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku. Il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.



## BELĠJU



# Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

# Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħall-**Awstrija, id-Danimarka u n-Netherlands**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna diskussjonijiet produttivi ma' __________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali bikrija/aktar tard tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ____,*
*għax ____________________________________*
*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li/jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, minħabba li aħna favur____________ .*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella fil-paġna li jmiss** biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. Fl-aħħar mill-aħħar hija d-**deċiżjoni tiegħek kif tivvota**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | |
| **Belġju** | 2030 | | jimpenjaw ruħhom li | 40 km | |
| **Bulgarija** | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | |
| **Estonja** | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | |
| **Franza** | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | |
| **Greċja** | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | |

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | |
| **Latvja** | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | |
| **Malta** | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | |
| **Polonja** | | | | | |
| **Portugall** | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | |
| **Spanja** | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | |
| Kummissjoni | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena …

- [x] **2030** … nimxu lejn l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE malajr kemm jista' jkun.
- [ ] 2035 … nimxu malajr iżda nagħtu ż-żmien lill-kumpaniji u l-konsumaturi biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura.
- [ ] 2040 … nagħtu biżżejjed żmien lill-konsumaturi u l-kumpaniji biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa.
- [ ] 2050 ... nagħmluha prijorità li jiġi limitat il-piż ekonomiku fuq il-konsumaturi u l-kumpaniji, li jippermettilhom iż-żmien li jeħtieġu biex jadattaw u biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa.
- [ ] Opzjoni oħra ______________________________________________ ______________________________________________




### L-argumenti tiegħek

- Pajjiżek huwa impenjat li jkun hemm ekoloġizzazzjoni tal-vetturi fit-toroq tiegħu, it-tnaqqis tal-magni tal-kombustjoni, u li jmexxi trasformazzjoni sostenibbli.
- Inti tantiċipa li l-għadd ta' karozzi ser jiżdied fil-futur hekk kif aktar nies ifittxu l-mobbiltà. Biex tipprevjeni żieda fil-vetturi tal-kombustjoni, għandek l-għan li tistabbilixxi miri u inċentivi ambizzjużi li jħeġġu lill-utenti jixtru vetturi elettriċi u jimmotivaw lill-manifatturi tal-karozzi biex jiżviluppawhom u jipproduċuhom.
- Filwaqt li tappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni, temmen li l-għanijiet mhumiex ambizzjużi biżżejjed. It-tibdil fil-klima ma jistax jiġi pospost; irid jiġi indirizzat issa, anke jekk jippreżenta sfidi għal xi wħud mill-pajjiżi ifqar tal-UE.
- In-noti tiegħek:

  ______________________________________________

  ______________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri **jimpenjaw ruħhom li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.




L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **40 kilometru** bogħod minn xulxin.




### L-argumenti tiegħek

- Għandek ambizzjonijiet għoljin għall-infrastruttura tal-fjuwils, peress li pajjiżek qed jinvesti ħafna fl-istazzjonijiet tal-iċċarġjar u tar-riforniment u jista' jaffordja li jwitti t-triq fil-mobbiltà elettrika.
- Madankollu, hija meħtieġa aktar konsistenza bejn il-livelli federali u reġjonali, kif ukoll bejn ir-reġjuni, biex jintlaħqu l-objettivi tal-Belġju. Ir-regolamenti fil-livell tal-UE jista' jkollhom rwol ewlieni fit-trawwim ta' din il-konsistenza u fl-iżgurar ta' implimentazzjoni bla xkiel madwar il-pajjiż u madwar l-Unjoni Ewropea.
- F'pajjiżek b'popolazzjoni densa, l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ser ikunu inqas minn 40 kilometru 'l bogħod minn xulxin. Tkun lest li tnaqqas id-distanzi għal 30 kilometru biex tiżgura aċċessibbiltà saħansitra akbar.
- In-noti tiegħek:

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | Unjoni Ewropea | Belġju |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 40 190 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 377.3 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 5.8% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 2 751 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e/kWh$) | 210 | 145 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 9.9% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 510 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 439 038 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 3.4% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu

© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0477-4 doi:10.2860/9693233 QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0478-1 doi:10.2860/2134506 QC-01-25-005-MT-C



# BULGARIJA



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **verżjoni standard** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet fit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil għall-fjuwil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku. Il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.



## BULGARIJA



# Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Inti ser tiddiskuti l-abbozz mar-rappreżentanti tal-Istati Membri l-oħra, bil-għan li jintlaħaq kompromess.

## L-objettiv primarju tiegħek

Li ssib qbil dwar pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tirrifletti l-interessi tiegħek.
Tista' tikkunsidra wkoll li tappoġġa opzjoni ta' kompromess li tirrifletti parzjalment l-interessi tiegħek.

# Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. Uħud mill-**argumenti tiegħek** huma allinjati mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi bħaċ-**Ċekja, il-Latvja u r-Rumanija**. Kellimhom biex tara jekk tistax tikkoopera biex tiddefendi l-interessi komuni possibbli tiegħek.
3. Ħejji **dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux aktar minn minuta) għall-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali. Iddikjara l-pożizzjoni tiegħek dwar l-Artikoli 1 u 2. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
4. Agħmel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tiegħek meta l-presidenza (li tippresiedi l-laqgħa) tagħtik il-permess biex titkellem. Jekk taqbel mal-pożizzjonijiet ta' pajjiżi oħra li diġà tkellmu, agħmel dan ċar.
5. Isma' l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra. **Imla t-tabella fil-paġna li jmiss** biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom. Parti ewlenija tan-negozjati hija li nisimgħu lil xulxin u nsibu soluzzjonijiet aċċettabbli għal kulħadd.
6. Matul in-negozjati uffiċjali, **ippreżenta l-pożizzjonijiet u l-argumenti tiegħek**. Meta l-argumenti tiegħek ikunu allinjati ma' dawk ta' pajjiżi oħra, jista' jkun utli li tippreżenta l-argumenti tagħkom flimkien biex tagħtihom aktar piż.
7. Fl-aħħar mill-aħħar hija d-**deċiżjoni tiegħek kif tivvota**. Tajjeb iżżomm f'moħħok li fl-aħħar vot fuq proposta ta' kompromess, trid tiddeċiedi jekk tippreferix kompromess li jista' ma jissodisfakx għalkollox jew li ma jkun hemm l-ebda riżultat.

*Sinjura/Sur President, Kummissarju, kollegi,*

*Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposta tagħha u lill-Presidenza għall-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fl-aġenda tal-lum.*

*Qabel il-laqgħa tal-lum kellna diskussjonijiet produttivi ma' ___________________, u qbilna dwar pożizzjoni komuni.*

*Naħsbu li jeħtieġ li jiġu riveduti l-għanijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tar-regolament. Qed nagħmlu l-argument favur eliminazzjoni gradwali bikrija/aktar tard tar-reġistrazzjoni ta' vetturi mhux elettriċi mis-sena ____, għax _________________________________*
*Fir-rigward tal-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li/jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn ___ km bogħod minn xulxin, għax aħna favur ____________________ .*

*Ninsabu fiduċjużi li matul il-laqgħa tal-lum ser insibu kompromess fattibbli.*

*Grazzi.*

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | |
| **Belġju** | | | | | |
| **Bulgarija** | 2050 | | jimmiraw li | 80 km | |
| **Kroazja** | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | |
| **Estonja** | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | |
| **Franza** | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | |
| **Grećja** | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | |

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | |
| **Latvja** | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | |
| **Malta** | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | |
| **Polonja** | | | | | |
| **Portugall** | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | |
| **Spanja** | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | |
| Kummissjoni | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena …

- ☐ 2030 — … nimxu lejn l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE malajr kemm jista' jkun.
- ☐ 2035 — … nimxu malajr iżda nagħtu ż-żmien lill-kumpaniji u l-konsumaturi biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura.
- ☐ 2040 — … nagħtu biżżejjed żmien lill-konsumaturi u l-kumpaniji biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa.
- ☑ **2050** — ... nagħmluha prijorità li jiġi limitat il-piż ekonomiku fuq il-konsumaturi u l-kumpaniji, li jippermettilhom iż-żmien li jeħtieġu biex jadattaw u biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa.
- ☐ Opzjoni oħra — ______________________________________________

______________________________________________




### L-argumenti tiegħek

- Pajjiżek huwa wieħed mill-ifqar tal-UE, li qed jiffaċċa rata għolja ta' qgħad, korruzzjoni, u l-ogħla rata ta' riskju ta' faqar. Kull investiment irid jiġi ppjanat bir-reqqa biex jiġu evitati konsegwenzi ekonomiċi mhux intenzjonati. Bħal ħafna Stati Membri oħra ekonomikament aktar dgħajfa, fil-prinċipju m'intix kontra l-azzjoni klimatika iżda tinsab inkwetat li l-miżuri ta' politika jistgħu jagħmlu ħsara lill-ekonomija tiegħek.
- Fil-fehma tiegħek il-proposta tal-Kummissjoni mhijiex realistika fil-forma attwali tagħha, peress li tkun teħtieġ investiment sinifikanti fl-enerġija sostenibbli u sussidji għall-vetturi elettriċi. Il-Bulgaru medju ma jistax jaffordja vettura elettrika ġdida u ma jifhimx dawn il-prijoritajiet baġitarji.
- Is-suq tal-oġġetti użati għall-vetturi bbażati fuq il-kombustjoni jiddomina s-suq nazzjonali tal-karozzi; fl-2018, 86.9% tal-vetturi fil-Bulgarija kellhom aktar minn għaxar snin. Filwaqt li huwa meħtieġ tibdil fid-drawwiet tal-konsumatur, dan huwa objettiv fit-tul li ser jiddependi fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-pajjiż.
- In-noti tiegħek:

______________________________________________

______________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri **jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.

jimpenjaw ruħhom li ☐

**jimmiraw li** ☑

L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **80 kilometru** bogħod minn xulxin.




### L-argumenti tiegħek

- Inti tirrikonoxxi r-raġunament wara l-proposta tal-Kummissjoni u taqbel li l-investimenti fl-infrastruttura tal-fjuwils huma meħtieġa. Madankollu, m'għandekx ir-riżorsi finanzjarji biex timplimenta l-proposta fil-forma attwali tagħha.
- Bħal pajjiżi oħra tal-Balkani, il-karatteristiċi ġeografiċi tiegħek u x-xejriet tat-turiżmu staġjonali jirriżultaw fi fluttwazzjonijiet sinifikanti fid-domanda, b'ċerti żoni jesperjenzaw l-ogħla livelli fis-sajf u livelli baxxi fix-xitwa. Minħabba dan, jista' ma jkunx meħtieġ stazzjon tal-iċċarġjar kull 60 km.
- Barra minn hekk, peress li s-suq Bulgaru jikkonsisti primarjament minn karozzi użati, ser jieħu xi ftit taż-żmien biex is-suq tal-vetturi elettriċi jistabbilixxi ruħu. Għalhekk, ma tarax ħtieġa urġenti li jitħaffef l-iżvilupp tal-infrastruttura f'dan l-istadju.
- In-noti tiegħek:

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

## Informazzjoni ġenerali

Jekk jogħġbok innota: **In-negozjati qed isiru fl-2021!**







| | Unjoni Ewropea | Bulgarija |
|---|---|---|
| **PDG per capita** f'EUR | 30 440 | 9 450 |
| **Densità tal-popolazzjoni** (persuni għal kull km kwadru) | 108.9 | 63.4 |
| **Rata tal-qgħad** | 7.2% | 6.1% |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** (ekwivalenti ta' $CO_2$ f'tunnellati per capita) | 2 154 | 1 968 |
| **Intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku** ($gCO_2e$/kWh) | 210 | 281 |
| **Sehem ta' enerġija rinnovabbli** | 19.7% | 21.6% |
| **Rata ta' motorizzazzjoni** (karozzi għal kull 1 000 abitant) | 555 | 439 |
| **Karozzi ġodda tal-passiġġieri** rreġistrati fl-2019 | 10 949 740 | 20 429 |
| **Sehem ta' vetturi elettriċi ġodda** rreġistrati fl-2019 | 4.92% | 1.4% |

Din il-pubblikazzjoni tħejjiet mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE u lanqas tal-Istati Membri. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, idħol fis-sit web: www.consilium.europa.eu
© Unjoni Ewropea, 2025 | Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors

PDF ISBN 978-92-850-0477-4 doi:10.2860/9693233 QC-01-25-005-MT-N
Print ISBN 978-92-850-0478-1 doi:10.2860/2134506 QC-01-25-005-MT-C

**KUMMISSJONI EWROPEA**



# MINISTRU GĦAL ĠURNATA: NEGOZJATI B'27

## ■ Regolament għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi tal-passiġġieri

Profili tar-rwoli | **verżjoni standard** | MT

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

In-negozjati qed isiru fl-2021!

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-vetturi elettriċi

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE għamlet in-newtralità klimatika sal-2050 legalment vinkolanti. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), li l-UE tfittex li tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% ta' dawn l-emissjonijiet. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa notorjament diffiċli fis-settur tat-trasport – l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq żdiedu bi 28% mill-1990 sal-2019.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex nimxu lejn sistema tat-trasport tal-passiġġieri aktar sostenibbli, li fiha l-vetturi elettriċi għandhom rwol ċentrali. Minkejja d-disponibbiltà akbar ta' vetturi elettriċi f'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-karozzi tal-passiġġieri fl-UE għadhom jiddependu fuq il-petrol u d-diżil għall-fjuwil. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tfittex li timla lakuna ewlenija fl-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Tfittex li tistabbilixxi data tat-tmiem għall-bejgħ ta' karozzi ġodda li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

## Artikolu 1

### Tnaqqis tal-emissjonijiet għal vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena 2035.

## Artikolu 2

### Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku. Il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn 60 kilometru bogħod minn xulxin.

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

**KUMMISSJONI EWROPEA**



# Aġenda

Ninsabu fl-2021, u fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija hemm il-proposta tiegħek għal regolament ġdid dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE.

Meta l-presidenza (li qed tippresiedi l-laqgħa) tgħaddilek il-kelma, inti tippreżenta l-proposta tiegħek lir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tieħu sehem fin-negozjati.

Iż-żewġ artikoli ppreżentati jkopru l-limiti tal-emissjonijiet għal karozzi rreġistrati ġodda u rekwiżit minimu għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. L-artikoli l-oħra tal-proposta diġà ġew maqbula f'livell preparatorju[1].

## L-objettiv primarju tiegħek

Li tiżgura li kemm jista' jkun mit-test inizjali jkun inkluż fil-verżjoni finali, waqt li tgħin lill-Kunsill isib pożizzjoni komuni. Soluzzjoni Ewropea komuni hija meħtieġa b'mod urġenti!

*Onorevoli Membri tal-Kunsill,*

*Tajjeb li llum qed ikollna dan id-dibattitu importanti dwar l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fl-UE. Ir-regolament ikun ta' benefiċċju kbir għaċ-ċittadini u għall-UE għax ___________________ .*

*Fl-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni, nipproponu li r-reġistrazzjoni ta' magni bbażati fuq il-kombustjoni interna tiġi eliminata gradwalment sal-2035 minħabba*

*_______________________________________________ .*

*L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jinstallaw infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi mhux aktar minn 60 km bogħod minn xulxin, minħabba:*

*_______________________________________________ .*

*Ejjew nikkontribwixxu flimkien, bħala komunità, għal settur tat-trasport tal-UE aktar ekoloġiku.*

*Grazzi.*

## Xogħlok

1. **Aqra b'attenzjoni l-informazzjoni tal-grupp tiegħek**, li tippreżenta l-interessi u l-pożizzjonijiet tiegħek.
2. **Ħejji dikjarazzjoni tal-ftuħ** (mhux iktar minn minuta) biex tippreżenta u tispjega l-proposta tiegħek. Il-kitba fil-kaxxa tat-test fuq ix-xellug tista' tgħinek.
3. Isma' b'attenzjoni l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri. **Imla t-tabella** fil-paġna li jmiss biex iżżomm kont tal-pożizzjonijiet tagħhom.
4. Matul in-negozjati spjega l-pożizzjonijiet tiegħek u **ddefendi l-abbozz tiegħek**. Tkellem u għin lill-Kunsill isib kompromess li jilħaq l-aspettattivi tiegħek!
5. **M'għandekx dritt tivvota** fl-aħħar. Uża l-waqfiet informali biex tipperswadi lid-delegazzjonijiet isegwu s-suġġerimenti tiegħek.

[1] https://www.consilium.europa.eu/mt/council-eu/preparatory-bodies/

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Awstrija** | | | | | |
| **Belġju** | | | | | |
| **Bulgarija** | | | | | |
| **Kroazja** | | | | | |
| **Ċipru** | | | | | |
| **Ċekja** | | | | | |
| **Danimarka** | | | | | |
| **Estonja** | | | | | |
| **Finlandja** | | | | | |
| **Franza** | | | | | |
| **Ġermanja** | | | | | |
| **Greċja** | | | | | |
| **Ungerija** | | | | | |
| **Irlanda** | | | | | |

| | Artikolu 1 | | Artikolu 2 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Vetturi elettriċi obbligatorji sa … | Suġġerimenti/noti oħra | L-Istati Membri … | ma jistgħux ikunu aktar minn … | Suġġerimenti/noti oħra |
| **Italja** | | | | | |
| **Latvja** | | | | | |
| **Litwanja** | | | | | |
| **Lussemburgu** | | | | | |
| **Malta** | | | | | |
| **In-Netherlands** | | | | | |
| **Polonja** | | | | | |
| **Portugall** | | | | | |
| **Rumanija** | | | | | |
| **Slovakkja** | | | | | |
| **Slovenja** | | | | | |
| **Spanja** | | | | | |
| **Żvezja** | | | | | |
| Kummissjoni | 2035 | | jimpenjaw ruħhom li | 60 km | |

# Artikolu 1

## Tnaqqis tal-emissjonijiet f'vetturi ġodda tal-passiġġieri

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) għandhom jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida li taħdem bil-petrol jew bid-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena …

- [ ] 2030 … nimxu lejn l-ekoloġizzazzjoni tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-toroq tal-UE malajr kemm jista' jkun.
- [x] **2035** … nimxu malajr iżda nagħtu ż-żmien lill-kumpaniji u l-konsumaturi biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura.
- [ ] 2040 … nagħtu biżżejjed żmien lill-konsumaturi u l-kumpaniji biex jaġġustaw u biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa.
- [ ] Opzjoni oħra ________________________________________________________________

________________________________________________________________

### L-argumenti tiegħek

- Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur tat-trasport, u l-karozzi huma kontributur ewlieni. L-UE għandha tistabbilixxi għanijiet ambizzjużi biex twettaq il-wegħda tal-Patt Ekoloġiku.
- Is-soċjetà u l-kumpaniji jeħtieġu ż-żmien biex jaġġustaw ruħhom għal dawn il-bidliet. Dan ikkunsidrajtu fil-proposta tiegħek, u stabbilejt l-2035 bħala d-data tat-tmiem għar-reġistrazzjoni tal-magni tal-kombustjoni interna.
- Madankollu, tkun lest li ċċaqlaq 'l quddiem id-data tat-tmiem għar-reġistrazzjoni tal-magni tal-kombustjoni interna, jekk l-Istati Membri jappoġġaw data aktar bikrija. Tittama li ma tiġix posposta għal data aktar tard.
- Jeħtieġ li l-UE taġixxi issa, sabiex il-konsumaturi u l-kumpaniji jkunu jistgħu jibdew jagħmlu aġġustamenti – huwa importanti li l-Kunsill jieħu deċiżjoni llum!
- In-noti tiegħek:

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

**Nota:** Il-kontenut ippreżentat huwa mħejji b'mod didattiku biex jiżgura l-fluss tal-logħba u l-esperjenza ta' apprendiment tal-parteċipanti. Dan mhux neċessarjament jirrappreżenta kontenut reali jew pożizzjonijiet politiċi reali.

# Artikolu 2

## Infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

L-Istati Membri **jimpenjaw ruħhom li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karozzi.




L-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **60 kilometru** bogħod minn xulxin.




